MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1644/2000/1

**L-Avukat Dottor Hugħ Peralta fil-kwalita tiegħu ta' mandatarju speċjali tas-soċjeta' Taljana "Garber Gesellschaft mbH S.R.L."**

**-vs-**

**Credinvest International Corporate Finance Limited**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-4 ta' Awissu, 2000 li permezz tagħha l-attur *nomine* ppremetta:

Illi in forza ta' kuntratt milħuq bejn Credinvest International Corporate Finance Limited u Garber Gesellschaft mbH. S.R.L. nhar id-9 ta' Lulju 1998 (fotokopja tiegħu hawn annessa u markata bħala dokument ittra "A") Garber Gesellschaft mbH. S.R.L. ikkummissjonat lil Credinvest International Corporate Finance Limited sabiex issibilha

persuna jew istituzzjoni finanzjarja fis-suq finanzjarju internazzjonali li jkun jista' jestendilha kreditu ta' tlett miljuni u ħames mitt elf Frank Svizzeru (CHF 3.500.000) u dan taħt diversi kundizzjonijiet imsemmija fl-istess kuntratt;

Illi at termini tal-istess kuntratt is-socjeta` konvenuta obbligat ruħha *inter alia* illi fi żmien approssimattiv ta' bejn tletin (30) u ħamsa u erbgħin (45) ġurnata hija kellha tissottometti lill-Garber Gesellschaft mbH. S.R.L. sa tlett offerti ta' finanzjament b'rata ta' imgħax li ma kellux jaqbez il-1.5% 'l fuq mil-LIBOR fis-sena;

Illi Garber Gesellschaft mbH. S.R.L. obbligat ruħha li tħallas kontribuzzjoni għall-ispejjeż *("cost contribution")* fl-ammont ta' ħamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) ekwivalenti għal ċirka elfejn mitejn u tlieta u sebgħin Liri Maltin (Lm2,273) bil-kundizzjoni illi l-istess depozitu jiġi rifuż kompletament f'każ li s-soċjeta` konvenuta ma tkunx ottjeniet il-finanzjament skond il-kondizzjonijiet tal-istess kuntratt;

Illi Garber Gesellschaft mbH. S.R.L. ħallset l-ammont ta' ħamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) ekwivalenti għal ċirka elfejn mitejn u tlieta u sebgħin Liri Maltin (Lm2,273) permezz ta' trasferiment bankarju fil-kont tas-soċjeta` konvenuta ċioe` nhar it-18 ta' Lulju 1998 (kopji tal-istess pagamenti hawn annessi u markati bħala dokument ittra "B";

Illi nhar it-22 ta' Settembru 1998, ċioe` ħamsa u sebgħin (75) ġurnata wara d-data tal-istess kuntratt, is-soċjeta konvenuta permezz ta' *fax* (fotokopja tagħha hawn annessa u markata bħala dokument ittra "C") talbet lil Garber Gesellschaft mbH. S.R.L. estensjoni taż-żmien ta' ġimgħatejn allegatament sabiex tottjeni risposta mingħand Bank ismu mhux magħruf;

Illi wara li għaddew tali ġimgħatejn is-socjeta` konvenuta baqgħet ma tatx tweġiba;

Illi fit-22 t'Ottubru 1998 Garber Gesellschaft mbH. S.R.L. wara talba li saritilha għal dan il-għan aċċettat illi tagħti estensjoni oħra ta' żmien ta' tlett ġimgħat sabiex fihom is-soċjeta` konvenuta tkun tista' tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għall-finanzjament;

Illi minkejja tali estensjoni oħra taż-żmien is-soċjeta` konvenuta xorta waħda baqgħet inadempjenti u ebda finanzjament ma ġie offrut lil Garber Gesellschaft mbH. S.R.L;

Illi wara tant dewmien inutli mingħajr ebda riżultat, permezz ta' *fax* datata 16 ta' Novembru 1998 (fotokopja tagħha hawn annessa u markata bħala dokument ittra "D"), ċioe` wara li kienet skadiet it-tieni estensjoni taż-żmien ta' tlett ġimgħat konċessi minn Garber Gesellschaft mbH. S.R.L l-istess soċjeta` talbet ir-ritorn lura tal-kontribuzzjoni ta' ħamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) ekwivalenti għal ċirka elfejn mitejn u tlieta u sebgħin Liri Maltin (Lm2,273) minnha imħallsin kif ingħad aktar 'il fuq u dan *ai termini* tal-istess kuntratt milħuq bejn il-partijiet;

Illi s-socjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti minkejja diversi talbiet (li sarulha mis-soċjeta` Garber Gesellschaft mbH. S.R.L. għar-ritorn ta' l-istess ammont minnha mħallas;

Tgħid għalhekk is-soċjeta` konvenuta għaliex m'għadhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi s-soċjeta` konvenuta naqset mill-obbligi kontrattwali tagħha fil-konfront tal-attur *nomine stante* illi m'ottemperatx ruħha ma' l-obbligi minnha assunti fiż-żmien pattwit bejn il-partijiet u konsegwentement illi l-kuntratt ta' bejn il-partijiet ma għadux aktar fis-seħħ *ai termini* tal-liġi;

2. tiddikjara illi minħabba tali inadempiment da' parti tas-soċjeta` konvenuta, l-attur *nomine* huwa ntitolat li jiġi rifuż lilu s-somma ta' ħamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) ekwivalenti għal ċirka elfejn mitejn u tlieta u

sebgħin Liri Maltin (Lm2,273) ġia' mħallas minnu u dan salv kull dritt ieħor lilu spettanti għad-danni li sofra; u

3. tikkundanna u tordna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tirrestitwixxi u tħallas lura lill-attur *nomine* s-somma ta' ħamest elef dollaru Amerikan (US$5,000) ekwivalenti għal ċirka elfejn mitejn u tlieta u sebgħin Liri Maltin (Lm2,273) imħallsa mill-attur *nomine* kif ingħad aktar 'il fuq;

Bl-imgħax legali sal-ġurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kollha kontra s-soċjeta` konvenuta li r-rappreżentanti tagħha huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur *nomine* u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ppreżentata fid-29 ta' Jannar 2001 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi, qabel xejn, l-attur *nomine* għandu jagħti prova tal-mandat tiegħu titmexxa din l-azzjoni kontra s-socjeta` esponenti;

2. Illi, preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija insostenibbli, billi bbażata fuq kuntratt iffirmat fid-9 ta' Lulju 1998 illi huwa null u bla ebda effett legali, u ċertament ma huwiex vinkolanti, fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta, billi dan il-kuntratt ġie ffirmat, suppożitament f'isem is-soċjeta` konvenuta, minn persuna li ma kenitx debitament awtorizzata għal dan l-iskop;

3. Illi, preliminarjament ukoll, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma konsegwentement preskritti *ai termini* tal-artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi, fuq il-meritu, iżda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mis-soċjeta` esponenti, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` attriċi, *stante*

illi kwalsiasi ħlas magħmul mis-soċjeta` attriċi in konnessjoni mas-servizzi reżi mis-soċjeta` esponenti, ma humiex rifondibbli mis-soċjeta` esponenti; kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawża odjerna;

5. Illi, fuq il-meritu wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għal kull eċċezzjoni suesposta, it-talbiet attriċi huma daqstant infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk jimmeritaw li jiġu respinti, billi ma huwiex minnu illi s-soċjeta` konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti, u li kienet is-soċjeta` attriċi illi, għall-kuntrarju ta' dak allegat fiċ-ċitazzjoni odjerna, kienet unikament responsabbli għan-nuqqas ta' finanzjament kontemplat fil-ftehim ta' bejn il-kontendenti, kif jiġi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawża;

6. Illi, fuq il-meritu wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għal dak kollu hawn fuq eċċepit, is-soċjeta` esponenti ma rċevietx is-somma pretiża mis-soċjeta` attriċi u fi kwalunkwe każ ma tistax u ma għandhiex tiġi kkundannata tirrifondi s-somma intiera pretiża mis-soċjeta` attriċi;

7. Salv eċċezzjonijiet oħra u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni spettanti lis-soċjeta` esponenti kontra s-soċjeta` attriċi skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tagħha tat-30 ta' Jannar 2004 li permezz tagħha ddikjarat permissibbli l-eċċezzjoni tan-nulita' tal-kuntratt in kwistjoni;

Semgħet il-provi u rat l-affidavits u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali;

Rat l-atti proċesswali l-oħra u l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ġunju 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta' attriċi qed titlob rifużjoni tas-somma ta' ħamest elef Dollaru Amerikan (US $5,000) li kienet ħallset għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Saret kawża oħra għal somma akbar minn soċjeta' oħra rappreżentata mill-istess attur *nomine* li qed tiġi deċiża wkoll illum stess. Il-kuntratti saru flimkien.

Illi għandu jingħad mill-ewwel li l-ewwel eċċezzjoni ġiet rinunzjata fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2001.

Illi s-soċjeta' konvenuta qed teċċepixxi kif ġia' ingħad, in-nullita' tal-kuntratt u l-preskrizzjoni ta' sentejn, fost affarijiet oħra.

Illi fir-rigward tal-preskrizzjoni l-iktar preskrizzjoni qasira fil-każ in eżami hija dik ta' sentejn (artikolu 1027) eċċepita mis-soċjeta' konvenuta. Sa Settembru 1998 is-soċjeta' konvenuta kienet għadha qed titlob estensjoni taż-żmien biex tottjeni is-self in kwistjoni (Dok C). Għalhekk billi l-kawża ġiet intavolata fit-23 ta' Awissu 2000, u allura *entro* s-sentejn minn meta l-azzjoni attriċi setgħet ġiet mibdija, din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

Illi parti sostanzjali mill-provi tas-soċjeta' konvenuta kienu marbuta mal-fatt li l-persuna li ffirmat il-kuntratt mas-soċjeta' attrici ma kinitx tirrappreżentaha. Għalhekk skond l-istess soċjeta', il-kuntratt inizjali huwa null u ma jistax jipproduċi effetti u kwindi lanqas ma tista' s-soċjeta' attriċi titlob rifużjoni tal-flus li ħallset. Għalkemm *prima facie* jidher ċar li fil-fatt Andreas Melhorn ma kellux rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta, il-Qorti xorta mhix sodisfatta li l-istess soċjeta' konvenuta tista' tieħu vantaġġ minn din is-sitwazzjoni, u dan għal żewġ raġunijiet prinċipali. L-ewwelnett hija stess bdiet tħaddem il-ftehim u fl-istess eċċezzjonijiet tagħha qed tgħid li n-negozju ma rnexxiex mhux tort tagħha, u sekondarjament hija wkoll ammettiet li rċeviet il-flus in kwistjoni, għalkemm qed tgħid li ħallset lil Melhorn u ċertu Harrington is-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sittin Dollaru ($6,666) għal

prestazzjonijiet tagħhom. Id-Direttur Maniġerjali tas-soċjeta' konvenuta Alain Mangion ikkonferma li huma pprovdew xorta s-servizzi in kwistjoni (seduta tal-21 ta' Jannar 2008). F'dan l-aspett kif sewwa rrimarka l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut ma setax jieħu vantaġġ mil-fatt kważi tekniku li jeċċepixxi n-nullita' tal-obbligazzjoni tiegħu, meta fil-fatt għażel li jibda jimplimenta l-istess ftehim safejn u sakemm jaqbillu. *"Aġir li jirrasenta l-indebitu ... bl-ebda mod ma jiġġustifika l-inadempjenza kontrattwali tal-appellat avolja una volta għażel li jirratifika l-kuntratt bl-aġir tiegħu." Pacta sunt servanda*. (**"Borg nomine vs Camilleri"** Vol LXXXI- I – paġna 402). Kif ġia' ingħad f'dan il-każ is-soċjeta' konvenuta tant bdiet taħdem fuq il-proġett illi għal diversi drabi talbet u ngħatat estensjoni tat-terminu biex twassal għal konklużjoni il-kuntratt. Ma tistax għalhekk tipprevalixxi ruħha mill-fatt li Melhorn ma kienx jirrappreżentaha.

Illi ma jidher li hemm ebda bażi għaliex is-soċjeta' konvenuta qed tirrifjuta li tħallas lura l-ammont li rċeviet, salv għall-fatt li hija ħallset is-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sittin Dollaru ($6,666) fuq indikati. Il-kuntratt innifsu jgħid infatti illi *"The cost contribution shall be refunded entirely should the contractor not be able to procure financing within the agreed upon framework of conditions."* L-i*standard agreement* li s-soċjeta' konvenuta tgħid li kienet abitwalment tħaddem ma kienx japplika f'dan il-każ għaliex ma kienx dak iffirmat, u li hija stess bdiet tħaddem immedjatament. Il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi nuqqas da parti tas-soċjeta' attriċi biex il-kuntratt ma twassalx għal tmiemu. Għalkemm l-imsemmi Alain Mangion isostni fl-affidavit tiegħu (fol 160) illi f'daqqa waħda s-soċjeta' attriċi qaltilhom li ma kinitx interessata, dan ġara f'Novembru 1998 meta allura skond il-kuntratt is-soċjeta' konvenuta kienet suppost ġia' gabet ir-riżultat meħtieġ.

Illi kif ġia' ingħad pero' jirriżulta ċar illi s-soċjeta' konvenuta ħallset sitt elef, sitt mija u sitta u sittin Dollaru ($6,666) kif appena rċeviet il-flus, u dan biex tħallas il-kummissjoni lill-persuni msemmija. Il-Qorti jidrilha li s-soċjeta' konvenuta

għamlet dan il-ħlas *in bona fede* u għalhekk tħoss li hija ġustifikata li ma tirrifondix dawn il-flus li tħallsu lill-persuni (Melhorn u Harrington) li kienu wasslu lill-partijiet għal dan il-ftehim. Peress li l-ħlas sar fuq iż-żewġ kuntratti u li l-kuntratt l-ieħor kien għal somma tlett darbiet dak ta' din il-kawża, l-ammont mitlub mis-soċjeta' attrici għandu allura jkun ridott b'elf, sitt mija u sitta u sittin Dollaru u ħamsin ċenteżmu ($1,666.50); fiż-żmien tat-tranżazzjoni ekwivalenti għal ħames mija u tmienja u sittin Lira Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm568.25). Għalhekk is-soċjeta' attriċi għandha tiġi rifuża s-somma ta' elf, seba' mija u erba' Liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm1,704.75) ossija tliet elef, disa' mija u wieħed u sebgħin Ewro (€3,971).

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tikkundannaha tħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tliet elef, disa' mija u wieħed u sebgħin Ewro (€3,971) bl-imgħaxijiet min-notifika taċ-ċitazzjoni.**

**L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal kwint mill-attur *nomine* u erba' kwinti mis-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------